**KUNSILL LOKALI SANTA VENERA**

**SANTA VENERA LOCAL COUNCIL**

45/19

**Il-ħamsa u erbgħin (45) laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, nhar il-11 ta' Settembru, 2015 fis-5.30 ta' filgħaxija.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Stephen Sultana | - | Sindku |
| | Is-Sur Jonathan Brimmer | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Silvio Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sinj. Elizabeth Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Jason Mangani | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Horace Anastasi | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Darren Carabott | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Michael Mifsud | - | Segretarju Eżekuttiv |
| **Skużat:** | Gianluca Falzon | - | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

**Aġenda:**

1. Talba
2. Qari w approvazzjoni tal-minuti
3. Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti
4. Korrispondenza
5. Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni
6. Ilmenti
7. Ordnijiet tal-ġurnata
   (a) Jum Santa Venera
   (b) Proġett – Kunsill taż-Żgħażagħ
   (c) Tender – Servizzi Legali
   (d) Tender – Bulky Refuse
   (e) Tender – Maintenance and Installation of Traffic Signs, Mirrors and Road Markings/Painting
8. Minuti ta' Kumitati/Sotto Kumitati
9. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
10. Aġġornament

Il-laqgħa bdiet fil-5.35 ta' filgħaxija.

2. *Qari u Approvazzjoni tal-Minuti*

2.1 Il-Minuti 43/19 u 44/19 ttieħdu bħala moqrija

2.2 **Korrezzjoni tal-Minuti tal-43 Laqgħa**

2.2.1 **Minuta 7(a)** - titneħħa l-kelma "mautenzjoni" u issir "manutenzjoni" u titneħħa l-kelma "ipprżentat" u ssir "ippreżentat"

2.2.2 **Minuta 7(a)** - titneħħa l-frażi "Is-Sindku ġie ssekondat" u issir "Il-proposta ġiet ssekondata".

2.2.3 **Minuta 7(a)** - tiżdied il-frażi "minħabba t-tieni paragrafu".

2.2.4 **Minuta 3.3** – titneħħa l-kelma "ir-residenti" u ssir "xi residenti".

2.2.5 **Minuta 3.3** – tiżdied il-frażi "u numru ta' oġġezzjonijiet li daħlu" wara l-kelma "daħlu" tal-ewwel sentenza.

2.2.6 **Minuta 3.3** – tiżdied sentenza mat-tieni paragrafu "Is-Sindku nfurmah li kien hemm numru konsiderevoli ta' oġġezzjonijiet minn Triq ix-Xarretta".

2.2.7 **Minuta 3.5** – tiżdied il-kelma "hemm" bejn il-kliem "ikun" u "sistema" u titneħħa l-frażi "li l-ewwel" u ssir "ukoll li eventwalment".

2.2.8 **Minuta 3.6** – titneħħa l-kelma "qallu" u ssir "talab".

2.2.9 **Minuta 7(b)** – titneħħa l-kema "us" u ssir "use"

2.2.10 **Minuta 7(b)** – titneħħa l-kelma "klawżola" u ssir "klawsola" u tiżdied il-frażi "u hekk kif preżentat" wara l-kelma "skart".

2.2.11 **Minuta 9.2** – tiżdied il-kelma "żgħar" wara l-kelma "ħsarat".

Fil-5.55pm wasal wieħed mill-membri tal-Kunsill il-Viċi Sindku s-Sur Jonathan Brimmer.

2.3 **Korrezzjoni tal-Minuti tal-44 Laqgħa (b'Urġenza)**

Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni fil-Minuti tal-44 Laqgħa b'Urgenza.

**3.1. Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti tal- 43 Laqgħa**

**3.1.1** Minuta 3.1 – Is-Sindku nforma lill-membri li wara il-laqgħa li saret mal-operaturi tal-ħatt tal-containers ġie deċiż li ser isiru sett ta' linji gwida li jridu jimxu magħhom l-operaturi. Is-Sindku rrimarka li l-ewwel dawn il-linji gwida jridu jkunu diskussa mal-pulizija. Apparti minhekk is-Sindku nforma lill-membri li l-GRTU għandhom jipprovdu tabelli ugwali għall-operaturi kollha.

Is-Sur Darren Carabott staqsa lis-Sindku kif ser ikunu infurmati l-operaturi kollha b'dawn il-linji gwida. Is-Sindku nfurmah li dawk kollha reġistrati ser tintbagħtilhom kopja u apparti minhekk il-pulizija ser ikollhom kopja wkoll sabiex dawk l-operaturi l-ġodda li japplikaw għall-permess tingħatalhom kopja ta' dawn il-linji gwida. Dawn l-istess linji gwida jridu jiġu kkomunikati wkoll lir-residenti.

**3.1.2** **Minuta 3.6 -** Is-Sindku nforma lill-membri li skont il-korrispondenza li l-Kunsill irċieva mingħand il-Monitoring Bord, fit-43 laqgħa ma kienx hemm l-ebda ksur tal-liġi. Is-Sur Carabott qal li huwa tal-fehma li l-Monitoring Bord kellu jagħti raġuni fir-risposta tiegħu. Is-Sindku qal li hu jimxi fuq id-deċiżjoni li l-Kunsill irċieva mingħand il-Monitoring Bord.

**3.1.3** **Minuta 4.3** – Is-Sindku nforma lill-membri li Tranport Malta oġġezzjonat għat-talba li saret mingħand Dee Media TV Studios li jinsabu fi Triq il-Kanun sabiex isiru loading/unloading bay quddiem il-bini tagħhom.

**3.1.4** **Minuta 4.6 -** Is-Sindku nforma lill membri li Transport Malta approvat it-talba sabiex issir *Disabled Parking Bay* quddiem il-*Head Office* t'Aġenzija Sapport li jinsabu fi Triq Patri Ġwann Azzopardi.

**3.1.5** **Minuta 9.1** - Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill taż-Żgħażagħ beda jiltaqa' u stieden lill-Viċi Sindku, s-Sur Jonathan Brimmer, sabiex jinforma lill-membri bl-andament ta'dan il-Kunsill. Is-Sur Brimmer nforma lill-membri li f'dawn l-aħħar ġimgħat il-Kunsill taż-żgħażagħ iltaqa' kemm il-darba minħabba l-fatt li kienu qegħdin jaħdmu fuq proġett li fuq ser jitkellem aktar tard. Is-Sur Brimmer informa lill-membri li minn wara l-aħħar laqgħa kien hemm aktar żagħżagħ li wrew ix-xewqa li jagħmlu parti minn dan il-Kunsill. Infatti huwa qal li kienu tlett żagħżagħ li huma Nicky Parnis, Eunice Aquilina u Celine Vella. F'dan il-ħin is-Sur Silvio Vella ħareġ mill-kamra minħabba l-fatt li waħda minn dawn iż-żgħażagħ tiġi t-tifla tiegħu.

Il-Membri tal-Kunsill qablu b'mod unanimu u għaldaqstant ma kienx hemm l-ebda oġġezzjoni.

(*) Sur Carabott immarka wkoll li l-proponenti ma kienux preżenti u l-email tan-notifika ntbagħtet mhux f'ħinijiet tal-Uffiċċju.

Is-Sur Vella reġa' daħal għall-kumplament tal-laqgħa.

Il-Membri qablu unanimament.

**3.2 Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti tal- 44 Laqgħa b'Urġenza**

Is-Sur Darren Carabott talab lis-Sindku sabiex jgħaddi l-oġġezzjoni tiegħu minħabba l-fatt li hu jħoss li ma kienitx etika li l-membri tal-Kunsill ikunu notifikat siegħa u nofs qabel il-laqgħa b'urġenza.(*) Is-Sindku wieġeb lis-Sur Carabott u qallu li l-liġi ma tistipulax kemm ħin qabel il-membri tal-Kunsill iridu jkunu notifikati meta jkun hemm laqgħa b'urġenza. Is-Sindku rrimarka li ġaladarba l-laqgħa b'urġenza ġiet mitluba kienet fir-responsabbilta' tal-Kunsilliera li jaraw jekk il-kunsill kienx bagħat xi korrispondenza fuq dak li kien mitlub.

Is-Sur Anastasi qal li hu jħossu urtat minħabba l-fatt li meta kiteb lill-Monitoring Bord u irċieva lura estratt minn dak li tgħid il-liġi. Huwa kompla billi qal li reġa' kiteb lill-bord u għadu qed jistenna tweġiba. Is-Sindku qallu lis-Segretarju Eżekuttiv mexa skont l-Att dwar il-Kunsilli Lokali, Kapitlu 363 tal-Liġijiet ta' Malta, is-Sitt Skeda, Taqsima III, Artiklu 29a fejn laqgħa b'urġenza trid tissejjaħ sa mhux aktar tard minn tlett ijiem tax-xogħol minn meta issir it-talba. Is-Sindku rrimarka li fl-ebda parti tal-liġi m'hemm stipulat f'kemm ħin qabel il-membri jridu jkunu notifikati.

**4 Korrispondenza**

**4.1** Is-Sindku ġibed l-attenzjoni dwar korrispondenza li l-Kunsill irċieva mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Memo 22/2015 - Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet Kulturali għax-xahar ta' Diċembru 2015. Is-Sindku rrimarka li hu jħoss li l-Kunsill għandu japplika għal din l-iskema sabiex b'hekk tkun tista' ssir l-attivita' tal-400 sena tal-Akkwadott li kemm il-darba ġiet diskussa fl-laqgħat preċedenti. Is-Sindku ippropona din l-inizjattiva filwaqt li is-Sur Silvio Vella ssekonda din il-proposta.

Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament sabiex il-kunsill japplika għal din l-iskema.

**5 Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni**

5.1 Il-pagamenti flimkien mal-petty cash ġew diskussi w approvati unanimament mill-membri kollha.

**6 Ilmenti**

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 752 sa lment numru 762.

Is-Sur Carabott irrimarka li l-Viċi Sindku ma kienx preżenti għal fluħ tal-K.L. taż-Żgħażagħ bil-Viċi Sindku jirrispondi li dak inhar kien indispost.



| | |
|---|---|
| 752 | Work order – Koptasin |
| 753 | Transport Malta |
| 754 | Bħal ilment 752 |
| 755 | Ħaddiema Assenjati |
| 756 | Azzjoni ttieħdet |
| 757 | Ninfurmaw lill-pulizija |
| 758 | Work order – Koptasin |
| 759 | Ħaddiema Assenjati |
| 760 | Transport Malta |
| 761 | Koptasin – titwaħħal direction sign taħt il-mera fi Triq Qormi u issir kjarifika ma Transport Malta fuq liema parti minn Triq Qormi hija One Way. |
| 762 | Transport Malta |

## 7. Ordnijiet tal-Ġurnata

### (a) Jum Santa Venera

Is-Sindku irrimarka li l-Kunitat tal-Ġieħ kien irrimarka li għandhom isiru xi tibdiliet fil-linji gwida. Is-Sindku ressaq dawn il-proposti fuq il-mejda fejn dawn it-tibdiliet kienu diskussa fid-dettal mill-membri. Matul id-diskussjoni s-Sindku qara t-tibdiliet kollha li kienu ġew proponuti mill-Kunitat tal-Ġieħ. Il-Membri qablu li għandha tiżdied klawsola sabiex Każini Politici ma jistgħux ikunu nominati għall-Ġieħ Santa Venera.

Is-Sindku ppropona dawn it-tibdiliet filwaqt lis-Sur Jonathan Brimmer ssekonda lis-Sindku

Il-Membri qablu unanimament.

Is-Sindku nforma lill-membri li għal din is-sena huwa qiegħed jipproponi sabiex l-attivitajiet għall-Jum Santa Venera jsiru ġewwa Dar Ħanin Samaritan. Huwa talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jagħmel kuntatt mad-Direttur ta' din id-dar.

Il-Membri qablu unanimament ma dak li ppropona s-Sindku.

### (b) Proġett Kunsill Lokali taż-Żgħazagħ

Is-Sindku stieden lis-Sur Jonathan Brimmer sabiex jinforma lill-membri dwar il-proposta għall-proġett mill-Kunsill Lokali taż-żgħażagħ. Is-Sur Brimmer nforma lill-membri li l-proposta tal-Kunsill taż-żgħażagħ hija li ser japplikaw sabiex ikunu restawrati xi niċeċ li għandna fil-lokal. Apparti minhekk is-Sur Brimmer qal li bħalissa qed jinġabru l-kwotazzjonijiet ta' kemm ser tiswa kull niċċa li ssir u wara jkunu jistgħu japplikaw għall-iskema.

Il-Membri qablu unanimament.

**(c) Tender – Servizz Legali**

Is-Sindku nforma lill-membri li wara konsultazzjoni mal-avukat Dott Alexander Lia, l-Kunsill irċieva draft ta' din it-tender. Is-Sindku rrimarka li wara li din it-tender ġiet analizzata rriżulta li għandu jsir arranġament dwar fil-parti tal-*Bill of Quantities* minħabba li l-kunsill ma jridx li l-ħlas ikunu bħala *annual retainer* iżda jkun *itemised* għal kull xogħol li jintalab li jsir. F'dan ir-rigward is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jikteb lill-Avukat sabiex il-*Bill of Quantities* tinbidel kif propost.

Il-Membri qablu unanimament.

**(d) Tender – Bulky Refuse**

Is-Sindku nforma lill-membri li f'Jannar 2016 ser jiskadu bosta kuntratti wieħed minnhom huwa l-kuntratt tal-Bulky Refuse għaldaqstant il-kunsill huwa obbligat li joħroġ din it-tender. Is-Sindku spjega it-tibdiliet li saru fejn ukoll kellhom jiżdiedu l-klawsoli tal-Green Public Procurement (GPP) maħruġa mill-Ministeru tal-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima.

Is-Sindku ppropona filwaqt lis-Sur Mangani ssekonda d-dokument ta' dan it-tender tal-Bulky Refuse.

Il-Membri qablu unanimament.

**(e) Tender - Maintenance and Installation of Traffic Signs, Mirrors and Road Markings/Painting**

Is-Sindku nforma lill-membri li f'Jannar 2016 ser jiskadi wkoll l-kuntratt tal-*Maintenance and Installation of Traffic Signs, Mirrors and Road Markings/Painting* u għaldaqstant il-kunsill huwa obbligat li joħroġ din it-tender. Is-Sindku spjega li ser tiddaħħal klawsola ġdida hekk kif ġej:

*The Council reserves the right to utilise its own human resources when deemed necessary.*

Is-Sindku ppropona filwaqt lis-Sur Mangani ssekonda d-dokument ta' dan it-tender tal-*Maintenance and Installation of Traffic Signs, Mirrors and Road Markings/Painting.*

Il-Membri qablu unanimament.

Fis-7.30 ta' filgħaxija s-Sinjura Elizabeth Vella ġiet skużata għall-kumplament tal-laqgħa

## 8. Minuti ta' Kumitati / Sotto Kumitati

Ma kien hemm l-ebda minuti ta' Kumitati jew Sotto Kunitati li ġew preżentati waqt il-45 laqgħa.

## 9. Komunikazzjonijiet mis-Sindku

9.1 Is-Sindku staqsa lis-Sur Mangani dwar il-preparazzjoni dwar Jum l-Anzjan. Is-Sur Mangani informa lill-membri li Jum l-Anzjani ser jiġi ċelebrat fl-4 t'Ottubru, 2015 b'quddiesa fid-disgħa ta' filgħodu. Wara l-quddiesa jkun hemm festin żgħir għall-Anzjani. Ġie deċiż li għal dan il-festin ser tkun allokata s-somma ta' €300.

Il-Membri qablu unanimament.

Is-Sur Carabott talab lis-Sindku sabiex jitkellem dwar l-attivita' tal-annimali. Is-Sur Carabott informa lill-membri li wara li tkellem mas-Segretarju kien hemm il-ħsieb li din l-attivta' issir f'San Martin, il-Ħadd 15 ta' Novembru 2015 iżda minħabba li lejliet ser jaħbat Jum Santa Venera huwa tal-ħsieb li l-aħjar ssir ġimgħa wara jiġifieri fit-22 ta' Novembru 2015. Is-Sindku ssuġġerixxa li jkun aħjar li ssir fil-15 ta' Novembru, 2015 sabiex b'hekk din l-attivita' tkun abbinata ma' Jum Santa Venera wkoll. Is-Sur Carabott qal li hu għandu l-ħsieb li din l-attivita' ssir f'Misraħ Santa Venera fejn ser ikun hemm quddiesa barra, tberik ta' l-annimali, esibizzjoni tal-klieb u demostrazzjoni mill-klieb tal-pulizija. Is-Sur Carabott talab lis-Sindku sabiex din l-attivita' tkun konġunta mas-Sotto Kumitat tal-Ambjent. Is-Sur Silvio Vella qabel ma din il-proposta biex is-Sotto Kumitat immexxi minnu jipparteċipa. Is-Sindku ppropona sa massimu ta' €600 għal din l-attivita' bejn iż-żewġ Sotto Kumitati.

Il-Membri qablu unanimament.

Fis-7.45 ta' filgħaxija s-Sur Jonathan Brimmer ġiet skużat għall-kumplament tal-laqgħa

9.2 Is-Sindku nforma lill-membri dwar l-embellishment ta' Triq il-Kanun li kien tkellem fuqu fl-laqgħat preċedenti. Huwa qal li għandu draft tal-pjanti ta' kif ser isir il-proġett iżda jrid ikellem lill-Perit biex jara fejn ser ikunu stazzjonati t-tappieri tan-nar tal-art. Is-Sindku talab lill-membri biex jaraw jaqblux mal-pjanta li hu poġġa fuq il-mejda. Ġie propost li l-Għaqdiet koncernati jkunu involuti fid-diskussjonijiet.

Il-Membri qablu unanimament.

9.3 Is-Sindku nofrma lill-membri dwar il-każ li huma kienu nfurmati b'email fit-2 ta' Sattembru 2015 dwar envelope li ġie *misplaced*. Is-Sindku rrimarka li fl-1 ta' Settembru 2015, fin-nuqqas tas-Segretarju Eżekuttiv li kien imsiefer, il-ħaddiema klerikali tal-Kunsill infurmawh li sabu wieħed minn tlett envelopes tal-flus nieqes. Liema envelope kien jammonta għal €188.91. Huwa kompla billi qal li il-ħaddiema klerikali għamlu tfittxija intensiva sabiex jaraw jekk dan l-envelop jinstabx iżda kien kollu ta' xejn. Is-Sindku qal li dak il-ħin stess hu kien informa lis-Segretarju Eżekuttiv. Wara li dan baqa' ma nstabx, is-Sindku nforma wkoll lill-Pulizija sabiex b'hekk isir rapport u nnotfika lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali b'dan il-każ.

Ġie propost sabiex jinġiebu stimi ta' perspex, ta' safe u anke CCTV.

Il-Membri qablu unanimament.

**10 Aġġornament**

L-aġġornament tal-laqgħa ġie iffissat għal nhar l-Erbgħa 14 t'Ottubru, 2015 fil-6.30 ta' filgħaxija b'aġenda li tkun ikkomunikata aktar tard.

Il-laqgħa ntemmet fid-8.20 ta' filgħaxija.

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati llum: 14/10/2015